MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 1217/1999/1

**Dr. Joseph Zammit Tabona f'ismu proprio u bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Dr. Victor Zammit Tabona u ta'
Malcolm Tullock, Lewis Zammit Tabona, Inez Zammit Tabona u Lilian Stewart u b'digriet tal-24 ta' April 2000 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Dr. Michael Zammit Tabona, AnneMarie Cummings u Simone Ray kif rapprezentati minn
Dr. Joseph Zammit Tabona u dana bhala l-eredi ta' l-attur
Dr. Victor Zammit Tabona li miet fil-mori tal-kawza, u b'digriet tas-16 ta' Settembru, 2003,
l-atti tal-kawza gew legittimati f'isem Diana DeMronhead, Elizabeth Vanek, Patricia Ellul Micallef u**

**Anne Vella Vassallo u dana bhala l-eredi ta' l-attrici Inez Zammit Tabona**

**v.**

**Professur John Joseph Cremona, Professur Rene` Cremona, Grace Cremona, Anthony Cremona, Vanni R. Cremona,**
**Simone Fenech Soler, Dr. Michael Cremona u Dr. Ena Cremona bhala mandatarja specjali ta' Dr Andrew Cremona**
**u b'digriet tat-28 ta' Marzu 2000 l-atti ta' din il-kawza, stante il-mewt tal-Professur Renato sive Rene` Cremona**
**gew trasfuzi f'isem uliedu**
**l-Avukat Dr John Cremona u l-Avukat Dr. Anthony Cremona**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk
"1. Illi l-Kurunell Joseph Mary Cremona kien mizzewweg ma' Doris u it-tnejn illum jinsabu mejtin u cioe ir-ragel miet fil-18 ta' Settembru 1997 filwaqt li martu Doris mietet fil-31 ta' Mejju 1998. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

"2. Illi ai termini ta' l-ahhar testment taghhom, maghmul unica carta, tal-18 ta' April 1980, pubblikat minn Nutar Dottor Joseph Cachia LL.D., l-imsemmi kurunell Cremona halla "b'titolu ta' legat reciprokament lil xulxin l-uzufrutt tad-depositi bankarji (eccettwati pero` l-current accounts), stocks bonds u securities u kwalunkwe kapital li jaghti interessi" lil Martu. Martu ghamlet l-istess legat favur zewgha;

"3. Illi it-testaturi ordnaw ukoll, interalia, li b'titolu ta' legat, konsegwibbili wara il-mewt taghhom it-tnejn, id-depositi bankarji (dejjem eccettwati il-current accounts) stocks, bonds securities u kapitali li jaghtu interessi jghaddu, kwantu ghall-kwint, lil kull wiehed minn hut it-testatur u cioe lill-konvenuti Professur John Joseph, Walter, Dottor Rene` u Grace ahwa Cremona u kwantu ghar-rimanenti

kwint lil Michael u Andrew ahwa Cremona, ulied il-mejjet huh Dottor Antoine Cremona;

“4. Illi it-testaruri hallew ukoll diversi legati ohra lill-kontendenti li pero` dwarhom ma hemmx kontestatzzjoni bejn il-kontendenti;

“5. Ukoll illi it-testaturi innominaw bhala eredi universali u proprietarju u padruni assoluti ta’ gidhom kollu reciprocament lil xulxin, izda ma stipulaw xejn dwar dak li kellu jigri wara il-mewt ta’ l-ahhar superstiti;

“6. Illi, kif gia inghad, il-kurunell testatur kien l-ewwel wiehed li miet u b’hekk allura isegwi li martu hija il-legatarja tal-legati lilha imhollija minnu kif ukoll l-eredi tieghu u stante li hija mietet bla proli u it-testment imsemmi ma jghid xejn u ma jiddisponi xejn ghal dak li ghandu isir wara il-mewt tas-superstiti tat-testaturi, isegwi li l-eredita’ tas-superstiti fosthom u cioe ta’ Doris Cremona, apparti ghall-legati, ghandha tigi regolata abbazi tal-Kapitolu tal-ligi tas-successjoni li jittratta wirt intestat u allura isegwi li wirtuha l-eqreb membri tal-familja taghha u cioe l-atturi, liema fatt lanqas ma huwa kontestat mill-konvenuti;

“7. Illi fil-mument ta’ mewt tat-testatur, Joseph M Cremona kien hemm depositat fil-current account tieghu is somma ta’ Lm3258.20 filwaqt li fil-kont taghha numru 891000871 mal-Mid Med Bank, fil-mument tal-mewt taghha, wara li giet assimilata is-somma hawn imsemmija ta’ Lm3258.20, kien hemm l-ammont ta’ Lm16,777.08. U peress ghalhekk illi din is-somma ta’ flus tappartjeni interament lill-atturi u il-konvenuti ma ghandhomx ebda titolu fuqha, liema allegazzjoni hija, pero` kontestata mill-konvenuti, li qed jippretendu li l-atturi ma ghandhomx dritt fuq dawn il-flus;

“Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu, prevja id-dikjarazzjoni illi l-atturi huma il-beneficjarji tas-somma fuq indikata billi wirtu lil ohthom “ab intestato”, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi l-ammont fuq imsemmi ta’ Lm16777.08 u cioe dak fil-current account numru 891000871 mal-Mid-Med Bank p.l.c jappartjeni

pjenament lill-atturi bhala eredi ta’ Doris Cremona ad eskluzjoni tal-konvenuti – kollox skond kif intqal fuq ghar-ragunijiet fuq premessi;

“Bl-ispejjez kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi t-talba attrici hi insostenibbli in kwantu ‘*quod senserit testator*’ mill-korp tat-testment huwa indikattiv u manifest illi l-intenzjoni tal-kontestaturi kienet dik illi l-assi kapitali li jipproducu interessi jidhlu fil-legat konferit lill-eccipjenti;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Novembru, 2004, li ddecidiet il-kawza billi

“.... fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-atturi huma il-beneficjarji tas-somma li hemm fil-kont kurrent f'isem it-testatrici Doris Cremona billi wirtu lill-imsemmija ohthom “ab intestato” u tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess somma, cioe` dik fil-current account numru 891000871 mal-Mid-Med Bank p.l.c, tappartjeni pjenament lill-atturi bhala eredi ta’ Doris Cremona ad eskluzjoni tal-konvenuti;

“In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”
Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Mill-provi jirrizulta li il-Kurunell Joseph Mary Cremona, li jigi hu l-konvenuti, kien mizzewweg ma’ Doris nee' Zammit Tabona, li tigi oht l-atturi. Huma ma kellhomx tfal. Il-Kurunell Cremona miet l-ewwel wiehed u miet fit-18 ta’ Settembru 1997 filwaqt li martu Doris mietet wara u cioe` fil-31 ta’ Mejju 1998;

“L-imsemmija konjugi Cremona ghamlu l-ahhar testment taghhom, "unica carta", fit-18 ta' April 1980 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia. Ghal finijiet ta' dawn il-proceduri hu

rilivanti t-tieni artikolu ta' dan it-testment. F'dan l-artikolu l-konjugi Cremona hallew reciprokament lil xulixin b'titolu ta' legat l-usufrutt "tad-depositi bankarji (eccettwati il-current accounts), stocks bonds u securities u kwalunkwe kapital li jaghti interessi." It-testauri specifikaw li dan kien ifisser li l-premorient fosthom kien qed ihalli b'titolu ta' legat lis-superstiti l-imsemmi usufrutt ta' sehemu mill-istess depositi bankarji. It-testaturi komplew jiddisponu li kienu qed ihallu b'titolu ta legat konsegwibbli wara l-mewt taghhom it-tnejn, l-istess depositi lill-hut it-testatur Cremona cioe` lill-konvenuti fi kwoti indaqs bejnithom;

“Hu ukoll rilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri li fl-istess testment it-testaturi konjugi Cremona innominaw reciprokament lill xulxin bhala eredi universali u proprietarji assoluti ta’ gidhom kollu. Ma hemm ebda disposizzjoni ta' x'kellu jigri, bhala eredi, wara il-mewt tas-superstiti. Peress li s-superstiti Doris Cremona nee Zammit Tabona ma ghamlet ebda testment iehor wara dak imsemmi ta' April 1980, l-eredi taghha huma hutha u dana skond il-ligi. Hutha, l-atturi huma l-eqreb membri tal-familja taghha;

“Fic-citazzjoni l-atturi qed jippremettu, fost affarijit ohra, li fil-hin tal-mewt ta' ohthom Doris Cremona kien hemm fil-kont kurrent taghha is-somma ta sittax il-elf seba mija u seba u sebghin liri maltin u tmien centezmi (Lm16,777.08). L-atturi jippretendu li, ai termini ta’ l-imsemmi artikolu tnejn (2) fl-imsemmi testment, l-imsemmija somma li kienet fil-kont kurrent tat-testatrici fi zmien mewtha tappartjeni interament lilhom u mhux parti mill-imsemmi legat imholli lill-konvenuti. B'hekk, skond l-atturi, l-konvenuti ma jistghu jvantaw l-ebda titolu ghar-rigward ta’ l-imsemmija somma;

“Ghalhekk l-atturi qed jitoblu li jigi deciz li l-imsemmija somma appartenenti ghall-kont kurrent tat-testatrici tappartjeni pjenament lill-atturi bhala eredi ta’ Doris Cremona ad eskluzjoni tal-konvenuti;

“Da parti taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li hu car u manifest li l-intenzjoni tal-kontestaturi komjugi Cremona

kienet dik illi l-assi kapitali li jipproduci interessi jidhlu fil-legat imholli u konferit lill-eccipjenti. Fid-dikjarazzjoni l-konvenuti jispecifikaw li l-kapital fil-kont kurrent tat-testatrici fiz-zmien tal-mewt taghha jappartjeni lilhom u dana skond l-imsemmija disposizzjoni testamentarja. Il-flejjes kollha fil-kont kurrent huma kapitali fruttiferi peress li kienu jiggeneraw l-imghax. Hi cara l-intenzjoni tal-kontestaturi li l-kontijiet kollha li jiggeneraw l-imghax huma inkluzi fil-legat imholli lill-konvenuti. Sekondarjament il-konvenuti jsostnu li hu manifest ukoll li l-intenzjoni tal-kontestaturi kienet li jeskludu mill-legat kont kurrent ta' l-entita` ordinarja, jigifieri f'ammont li individwu normali ragonevolment u bil-ghaqal normalment ihalli f'kont bankarju li ma jaghtix frott;

“Il-fatti li jirrizultaw u li huma rilevanti ghal finijiet ta dawn il-proceduri, cioe` in vista tat-talbiet attrici u ta' l-eccezzjonijiet, u dana anke fil-generalita' taghhom, huma s-segwenti :-

“1) Nies qrib it-testatrici Doris Cremona, wara l-mewt ta' zewgha, gieli selfu xi flus lill-istess Doris Cremona. Dan hu indikattiv li Doris Cremona kien hsiebha fil-qaghda finanzjarja taghha. Cremona kienet konsapevoli li minhabba l-istat ta' sahha taghha kien ser ikolla tonfoq hafna flus. Cremona kienet tghid li kienet thossha xotta mill-flus;

“2) Xi zmien wara li marad it-testatur Kurunell Cremona, il-mara tieghu, Doris Cremona, ottjeniet mill-Qorti kompeteni l-awtorizzazzjoni u l-awtorita li tamministra l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti esistenti bejnha u bejn zewgha;

“3) Jirrizulta li Doris Cremona kienet kapaci li tamministra wahedha l-beni tal-komunjoni u sussegwentement il-beni taghha. Cremona kienet dejjem mentalment kapaci u jidher li qatt ma kien hemm dubju dwar ir-rieda hielsa taghha. Jidher ukoll li meta kienet l-isptar dejjem hasbet li kienet ser tmur lura id-dar. Jidher li Cremona baqghet hekk kapaci sa kemm mietet.

“4) Ir-ragel ta' oht Doris Cremona, cioe` l-Kurunell Alexander Stewart, kien jghin lill-istess Doris Cremona b'mod partikolari fl-amministrazzjoni tal-varji depositi bankarji u investimenti li kellhom il-konjugi Cremona;

“5) Meta l-investimenti barranin immaturaw dawn ingiebu Malta u gew depozitati go kont jew kontijiet appositi go fergha partikolari ta' bank lokali;

“6) Wara li Doris Cremona iddahlet l-isptar kienet iffirmat prokura a favur ta' huha l-attur l-Avukat Dottor Joseph Zammit Tabone. In forza ta' din il-prokura giet trasferita ghall-gol kont kurrent ta’ l-istess Doris Cremona somma pjuttost konsistenti, cioe` Lm10000. Jirrizulta li din il-prokura intuzat darba wahda biss u dana sabiex issir l-imsemmija operazzjoni bankarja. L-imsemmija somma giet trasferita mill-kont jew kontijiet ohra ta’ l-istess Doris Cremona. Jidher li kienet il-volonta' ta' Doris Cremona li jsir dan it-trasferiment ta' fondi;

“7) L-imsemmi attur l-Avukat Dotor Joseph Zammit Tabona kien preokkupat li juri li, ghar-rigward ta' din il-prokura kollox sar kif suppost u b'mod regolari. L-istess xhud wera l-istess prokupazzjoni ghar-rigward ta’ l-operazzjoni bankarja li huwa ghamel in forza ta’ l-istess prokura. Huwa ried jghati wiehed x'jifhem li huwa ma ghamel xejn ghar-rigward ta' din l-operazzjoni bankarja u ghamel kollox il-bank. Dan l-istess xhud ukoll kien preokkupat li jikkonferma li huwa semplicement kiteb l-imsemmija prokura pero` kollox gie dettat lilu minn ohtu t-testatrici. Hu difficli li wiehed jifhem kif il-prokura giet redatta minn Cremona meta minn kien qed jiktibha kien avukat. Barra minn hekk bank jagixxi skond l-istruzzjonijiet li jghatih il-klijent u ghalhekk hu difficli li wiehed jimmagina li f"dan il-kaz ghamel kollox il-bank u l-attur Dottor Zammit Tabona ma kellu x'jaqsam xejn. Dawn il-preokkupazzjonijiet ta’ l-imsemmi attur kienu zejda. In effett ma jirrizultax li l-kontenut tal-prokura ma kienx jirrefletti r-rieda ta' Doris Cremona u ma hemm xejn irregolari fl-istess prokura. L-imsemmi attur kellu l-prokura ta' ohtu li kienet regolari u skond il-ligi u hu seta’ jagixxi ghan-nom ta' ohtu skond it-termini ta’ l-istess prokura.

Inoltre ma jirrizulta xejn irregolari ghar-rigward ta’ l-operazzjoni bankarja li sehhet bis-sahha tal-prokura in kwestjoni;

“8) Minn Dicembru 1997 il-kontijiet kurrent in kwestjoni bdew jipproducu l-imghaxxijiet;

“9) Jista’ jkun li saru entrati u hrug ghar-rigward tal-kont kurrent ta' Doris Cremona fil-hin li l-istess Cremona kienet rikoverata l-isptar. F'dan ir-rigward, pero`, ma jirrizulta xejn irregolari;

“F'dan l-istadju hu importanti li tinghata l-interpretazzjoni ta’ l-artikoli rilevanti ta’ l-imsemmi testment "unica carta" tal-konjugi Cremona u dana fl-isfond tal-fatt li kien il-Kurunell Cremona li miet l-ewwel. Ai termini ta’ l-imsemmi testment l-armla Doris Cremona ppercepit b'titolu ta' legat l-usufrutt tas-sehem tar-ragel taghha premort "tad-depositi bankarji (eccettwati il-current accounts), stocks bonds u securities u kwalunkwe kapital li jaghti interessi." Peress li jidher li dawn id-depositi kollha kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti l-legatarja Doris Cremona kellha ukoll s-sehem taghha, in piena proprjeta`, mill-istess depositi. Hu ukoll rilevanti hafna li mal-mewt tal-Kurunell Cremona l-armla tieghu, qua eredi ta’ l-istess Kurunell Cremona, saret ukoll il-proprjetarja assoluta ta’ l-istess investimenti u depositi u kontijiet bankarji li kienu jappartjenu lill zewgha;

“Mhux hekk biss, hemm ukoll il-fatt li fl-ahhar snin tal-hajja tal-Kurunell Cremona, l-mara tieghu giet debitament awtorizzata biex tamministra l-beni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, li kienu jinkludu dawn l-investimenti. In vista ta' dan kollu wara l-mewt tal-Kurunell Cremona, l-armla tieghu kienet libera li tghamel dak li trid b'dawn l-investimenti u ma hemmx ghalfejn li jigi muri li hi kellha xi bzonn partiklari li tghalaq xi kont, jew li tiftah xi kont iehor jew li titrasferixxi fondi mill-kont ghall-iehor. Setghet ukoll liberament tinnomina bhala prokuratur lil minn riedet hi sabiex jghamel xi operazzjoni bankarja dejjem skond ir-rieda taghha;

“Fil-kaz in partikolari, kif gia gie rilevat, jirrizulta li Doris Cremona kienet kapaci li tamministra l-beni taghha kif riedet u baqghet hekk kapaci sa mewtha. Jirrizulta li l-operazzjonijiet bankarji kollha saru skond ir-rieda ta’ l-istess Doris Cremona, li ma kienet influenzata minn hadd;

“Fl-ahhar nett jigi ribadit li fit-testment in kwestjoni it-testatarji konjugi Cremona hallew lill-konvenuti, b'titolu ta legat konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti fosthom, "id-depositi bankarji (eccettwati il-current accounts), stocks bonds u securities u kwalunkwe kapital li jaghti interessi." Jirrizulta li fil-hin tal-mewt tat-testatrici Cremona kien hemm kont kurrent f'ismha. Il-kwestjoni hi jekk il-fondi f'dan il-kont kurrent jifformawx parti mill-imsemmi legat imholli lill-konvenuti. Jirrizulta li fiz-zmien li sar it-testment il-kontijiet kurrent ma kinux jipproducu imghax u bdew jipproducu tali imghax biss ftit xhur qabel il-mewt tat-testatrici Cremona;

“Hi l-opinjoni tal-Qorti li l-intenzjoni tat-testaturi meta ghamlu l-imsemmi testment taghhom kienet li jeskludu mill-legat imholli lill-konvenuti l-kontijiet kurrent u konsegwentement il-kont kurrent li kien f'isem it-testatrici fil-hin tal-mewt taghha. Il-fatt li l-bank beda ihallas imghax ukoll fuq dawn il-kontijiet ftit xhur qabel il-mewt tas-superstiti fost it-testaturi hu fatt biss incidentali u ma jeffettwax in-natura tal-legat imholli. Iz-zmien li hu rilevanti hawnhekk hu iz-zmien meta sar it-testment. In effett il-kliem uzat fit-testement hu car u jindika b'mod inekwivoku l-intenzjoni tat-testaturi;

“Ghandu wkoll jinghad li l-ammont tal-fondi li kien hemm f'dan il-kont kurrent hu irrilevanti u immaterjali ghal finijiet ta' din il-kwestjoni;

“In vista ta dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti, filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu rigettati;”
Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti li in forza taghha talbu r-revoka u t-thassir tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti, b’mod li jigu michuda t-talbiet attrici;

Rat ir-risposta ta' l-atturi li fiha talbu l-konferma tas-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ma jidhriliex li ghandha ghalfejn tirrikapitola l-fatti li taw lok ghall-kawza, ghax dawn jinsabu ben deskritti fil-parti preliminari tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Il-meritu ewlieni ta' din il-kawza huwa l-interpretazzjoni ta' klawsola tnejn illi hemm fit-testment *unica charta* tal-mejtin Kurunell Joseph Mary Cremona u martu Doris. Din il-klawsola hija s-segwenti:

"It-Tieni Artikolu

"It-testaturi jhallu b'titolu ta' legat reciprokament lil xulxin l-uzufrutt tad-depoziti bankarji (eccetwati pero` l-*current accounts*) *stocks*, *bonds* u *securities* u kwalunkwe kapital li jaghti interessi, cioe` il-premorjent fost it-testaturi jhalli b'titolu ta' legat lis-superstiti l-uzufrutt ta' sehmu mill-istess depositi bankarji (eccetwati il-*current accounts*) *stocks*, *bonds*, *securities* u kapitali li jaghtu interessi, lis-superstiti fost it-testaturi u dawn it-tnejn ihallu b'titolu ta' legat konsegwibbli wara l-mewt taghhom it-tnejn d-depositi bankarji (eccetwati l-*current accounts*) *stocks*, *bonds*, *securities* u kapitali illi jaghtu interessi taz-zewg testaturi in kwantu ghal kwint kull wiehed lil hut it-testaturi in kwantu ghal kwint kull wiehed lil hut it-testatur Professur John Joseph, President tal-Qorti ta' l-Appell u tal-Qorti Kostituzzjonali, Walter, Avukat Dottor Rene` u Grace ahwa Cremona u in kwantu ghar-rimanenti kwint lil Michael u Andrew ahwa Cremona ulied il-mejjet hu t-testatrur Dottor Antoine Cremona, f'kaz ta' premorjenza ta' xi legatarju ghandu jkun hemm lok ghas-sostituzzjoni volgari favur uliedhom u in mankanza ta' dawn ghad-dritt ta' l-akkrexximent *per capita* u/jew *in stirpes* skond il-kaz."

Illi bhala stat ta’ fatt il-Kurunell Joseph Mary Cremona miet fit-18 ta’ Settembru 1997, filwaqt illi martu Doris Cremona mietet fil-31 ta’ Mejju 1998, u ghalhekk ghar-raguni fuq imsemmija, hut Doris Cremona kienu l-eredi taghha skond il-ligi illi tirregola s-successjonijiet *ab intestato*, u lanqas fuq dan il-fatt ma hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Il-kwistjoni kollha mertu ta’ dawn il-proceduri huma l-fondi illi kien hemm depostitati fil-*current account* numru 891000871 fil-hin tal-mewt ta’ Doris Cremona, u dana billi filwaqt illi l-atturi apellati qed jargumentaw illi huma l-eredi universali ta’ Doris Cremona *ab intestato* u ghalhekk l-imsemmija fondi huma taghhom billi dawn ma kienux inkluzi f’ebda legat, l-konvenuti appellanti, mill-banda l-ohra, qed jargumentaw illi dawn il-fondi jappartjenu lilhom u dana billi, skond huma, kienet ix-xewqa tat-testaturi illi dawn jinghataw lilhom b’titolu ta’ legat skond it-tieni artikolu tat-testament *unica charta* tal-konjugi Cremona illi kien gie ppubblikat minn Nutar Joseph Cachia fit-18 ta’ April 1980. Skond huma ghalkemm fit-testment jinghad li fil-legat imholli lill-konvenuti, hemm eccetwati l-flus depozitati f’kont kurrent, jikkontendu illi l-Qorti ghandha thares aktar lejn il-hsieb tat-testatur milli lejn il-kliem uzati. Huma jissottomettu li t-testatur ried jinkorpora fil-legat il-kontijiet bankarji kollha li joffru imghax, u ghalhekk irid jiddahhal fil-legat anke l-kont kurrent li, fid-data tal-mewt tat-testatrici, kien jaghti imghax fuq id-depozitu. L-appellanti jsostnu li l-intenzjoni tat-testatur ghandha tipprevali fuq il-kliem testwali wzati meta dawn ma jikkorrispondux ma’ l-intenzjoni.

Din il-problema ta’ x’jigri f’kaz ta’ allegat diskordju bejn il-kliem uzat f’testment u l-intenzjoni tat-testatur ilha dibattuta fid-duttrina u l-gurisprudenza, izda ma jidhirx li s-soluzzjoni xi darba kienet li l-intenzjoni tat-testatur ghandha dejjem tirbah fuq it-tifsira cara tal-kliem uzati mit-testatur. L-awtur Giovanni Criscuoli fil-ktieb tieghu “**Il Testamento**” (CEDAM Ediz. 1991) f’pagni 321-322, jispjega li din il-materja dejjem holqot diffikulta` fid-duttrina, pero` jikkonkludi li l-kliem uzati mit-testatur

m'ghandhomx jigu facilment skartati. Hu jfisser il-hsieb tieghu b'dan il-mod:
"Dicendo del processo conoscitivo ricordiamo, che giudici e dottrinari sono d'accordo nell'individuare il suo oggetto specifico nella ricerca dell'effettiva volontà del testatore (Bianca, Bigliazzi Geri, Cicu, Giampiccolo, Giannattasio, Grassetti, Perego). Ma sorgono subito difficoltà quando si tratta di stabilire la via da percorrere per condurre ottimalmente quella ricerca: perché da un lato sta il formalismo testamentario che imbriglia l'indagine, mentre dall'altro giuoca il problema del peso da dare alle norme ermeneutiche contrattuali vuoi in rapporto alla loro compatibilità con la struttura testamentaria vuoi in relazione alle specifiche norme interpretative dettate per il testamento.

In particolare, l'incidenza del formalismo testamentario è decisiva ai fini di un ricorso ad elementi extratestuali per l'accertamento della reale volontà del testatore. Gli inglesi, di fronte allo stesso problema, dicono che "if one looks outside the will, the requirement that a will must be in writing is seriously threatened", o, in altre parole, che "the requirement for a will to be in writing could then be made an empty formality, (Mellows A.R., *The law of succession*, London, 1977, 148). Non si può – su questo punto – non essere d'accordo con loro. Il ricorso ad elementi esterni è ammissibile nella misura in cui non si vanifica il formalismo."

Il Corte ta' Kassazzjoni ta' l-Italia, f'decizjoni li tat fis-26 ta' Mejju, 1989 (kaz numru 2556), osservat li:
"*L'interpretazione della scheda testamentaria, in base ad una congrua applicazione dell'art. 1362 c.c., deve essere rivolta a cogliere la reale intenzione del testatore, al di là delle espressioni in concreto usate quando si manifesti evidente, nella valutazione complessiva dell'atto, che tali espressioni sono state adoperate in un senso diverso da quello loro comune.*"

Ma jidhirx li, f'dan il-kaz, it-testatur, meta eskluda mill-effetti tal-legat depoziti f'kontijiet kurrenti kellu l-hsieb li

juza dik id-deskrizzjoni b'mod differenti mill-mod li hi uzata u prattikata lokalment minn banek kummercjali.

L-appellanti juru li guristi awtorevoli dejjem insistew fuq il-htiega li tigi rispettata l-volonta` tat-testatur. Hekk, ir-Ricci (**Corso Teorico – Prattico di Diritto Civile**, Vol, III – "Delle Successioni") jishaq, f'pagna 119 fuq il-htiega li tigi rispettata "l'intenzine del testatore", pero` jghid dan fil-kuntest ta' dak li kien ghadu kemm ikkwota li gie deciz mill-Qorti Suprema ta' Turin fid-29 ta' Gunju, 1872, fis-sens illi:

"Attesochè se è vero che, *cum in verbis nulla ambiguitas est non debet admitti voluntatis quaestio*, questa regola generale soffre eccezione se sorge dubbio che chi adoperò una data locuzione non ne conoscesse il vero significato. A fronte di un tale dubbio la parola adoperata perde la sua chiarezza; inutilmente s'invoca il significato proprio della parola, la quale è data per esprimere l'idea, se sorge fondato dubbio che l'idea non corrisponda alla parola stessa; in tal caso è evidente che, non ostante la chiarezza delle espressioni, la questione di volontà sorge in tutta la sua pienezza."

Kif inghad, ma jirrizultax li f'dan il-kaz, it-testatur ma kienx qed jirreferi ghal kont kurrent fis-sinifikat solitu tieghu.

Il-gurisprudenza lokali hija wkoll cara fid-determinazzjoni li l-kelma wzata mit-testatur m'ghandhix tigi facilment imwarrba. Hekk il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Alden v. Pace**, deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, osservat illi: "... hi norma principali fit-testmenti illi wiehed ghandu jirrikorri ghall-interpretazzjoni letterali. '*Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non è lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino'* – Carmela Mifsud vs Matilde Pullicino et – 13 ta' Gunju 1888 (Vol. XI pag. 633). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet Nutar Albert E. Micallef et vs Marietta Tonna, Appelli Civili, 30 ta' Ottubru 1950, u Farmacista George Mallia vs Carmela Mallia, Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957;

"Ma jkunx inopportun li jigi precizat ukoll illi '*quantunque sia regola che 'non mens verbis sed verba menti servire debent', tuttavia anche nel caso di urtro tra le parole e lo spirito della disposizione l'interprete non deve allontanarsi dalla lettera però fondarsi su ciò che egli ritenga essere stato l'intenzione del testatore o dei contraenti, ma vi sarà luogo solo a tale interpretazione nel caso che la lettera sia oscura, per sè stessa o messa in confronto con tutto il contestò* – Camilla Mallia vs Carlo Mamo et, Appell Civilei, 2 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV P I p 729)"

Din il-Qorti f'sentenza moghtija fl-20 ta' Ottubru, 1958, fil-kawza fl-ismijiet **Sant v. Cauchi** kienet osservat illi,
"Fil-qrati Maltin giet dejjem addottata u applikata f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja r-regola fondamentali tad-dritt Ruman '*non alter a significatione verborum recedi oportet quam manifestum sit aliud senisse testatorem.*' Ghalhekk meta d-disposizzjoni hija cara, ghandha tircievi l-esekuzzjoni taghha. Hu cert ukoll li l-intenzjoni tat-testatur ghandha tigi desunta **ex visceribus** ta' l-istess disposizzjoni li tkun in kwistjoni. Certament tista' tigi anke raffrontata ma' disposizzjonijiet ohra tat-testment."

Aktar recenti, fil-kawza **Muscat v. Muscat**, deciza fl-1 ta' Ottubru, 2004, din il-Qorti dahlet fil-fond f'din il-kwistjoni, u f'paragrafu 13 tas-sentenza taghha irrabadiet il-principju li meta l-kliem uzati huma cari, irid jinghata effett lil dawk il-kliem. Hekk esponiet il-hsieb taghha din il-Qorti:
"13. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm huwa minnu, kif gie sottomess mill-parti appellanti, li l-gudikant ghandu jiehu rigward pjuttost ghall-volonta` tat-testatur milli ghall-kliem uzat (hekk ara d-decizjoni in re: "T. Vella u M. A. Vella et", Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Novembru, 1954, u ohrajn), fl-istess waqt trid ukoll taghti konsiderazzjoni, billi issegwi l-principju l-iehor xejn anqas importanti (hekk ara decizjoni in re: "F. Grima et vs. V. Borg", Prim Awla, 16 ta' Mejju, 1961) li,

"…..meta disposizzjoni testamentarja li ghandha tigi interpretata hija maghmula f'termini cari u li ma joffrux ruhhom ghal xi ambigwita`, ma hux lecitu ghal hadd li

jaltera dawk it-termini bl-intromissjoni tax-xoghol tal-gudizzju tieghu.”

“Dan l-insenjament dejjem kien wiehed kostanti kemm qabel u kemm wara s-sentenza appena citata. Hekk l-istess inghad, per ezempju, fid-decizjoni in re: “Carmelina Mifsud et –vs– Matilde Pullicino et”, Appell Civili, 13 ta’ Gunju, 1888, fejn fiha gie ritenut li,

“*Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino*.”

“Sentenza recensjuri f’dan is-sens ukoll, moghtija minn din il-Qorti, hija dik fl-ismijiet “Connie Galea noe et –vs– Joseph Gauci” tal-31 ta’ Mejju, 2002. Huwa biss f’dawk il-kazi meta l-kliem adoperat fit-testment ikun certament u manifestament kuntrarju ghall-volonta` tat-testatur li jregi dak li gie sottomess mill-parti appellanti – li pero` ma jidhirx li f’dan il-kaz in ezami huwa applikabbli. Fi kliem iehor, u minn punto di vista ta’ dritt, fejn ma hemmx ambigwita` fil-kliem tat-testment, dak li jinghad fih hu proprju dak li ghandu jipprevali u jorbot. Dan ir-ragjonament hu konformi mal-principju baziku ta’ l-ermenewtika li “ubi nulla ambigiutas verborum est faciende voluntas questio”.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-kliem tad-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni jesprimu f’mod car u espress il-volonta` tat-testattrici. U allura “
*“è necessario riconoscerla nelle stesse parole e non immaginarla, o crearla, e quindi non si deve indagare quale sarebbe stata la migliore disposizione in astratto, ma limitarsi all’esame della volontà espressa”* (Vol. X pag. 457).”

Kif inghad, ma jirrizultax li t-testatur kellu hsieb iehor ghajr li jeskludi mil-legat il-kont kurrent li kellu – esklusjoni li biex tkun cara, irrepetiha tlett darbiet fil-legat imholli. Kieku ried ihalli bhala legat id-depoziti kollha li kellu u li

jrendu imghax, kien jesprimi ruhu b'mod li ma jeskludi ebda kont partikolari; il-fatt li, b'mod car u espress, eskluda l-kont kurrent mil-legat, juri li, fil-fatt hu ried li dak it-tip ta' kont ma jidholx jifforma parti mil-legat.

Jekk, kif jargumentaw l-appellanti, it-testatur eskluda l-kont kurrent mil-legat ghax dak iz-zmien li gie redatt it-testment dak il-kont ma kienx jirrendi imghax, ma kienx hemm bzonn li ssir riferenza espressa ghal dak il-kont ghax la darba hu ried jinkludi fil-legat id-depoziti fruttiferi, il-kont kurrent kien jigi awtomatikament eskluz, minghajr htiega ta' eskluzjoni espressa.

Wiehed jista' jara b'dawn il-kummenti li mhux facli ghal gudikant li jipprova jifhem x'kellu f'mohhu t-testatur meta irrediga testment u kien ghalhekk li l-Qrati taghna minn dejjem segwew il-principju li meta l-kliem uzati huma cari "*la disposizione deve restare quella che le parola del testamento importino*".

Il-konvenuti appellanti, fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, jinsistu wkoll fuq ic-cirkostanza li fit-testment **unica charta**, il-konjugi ma tawx lil xulxin il-fakolta` li jvarjaw id-disposizzjonijiet tat-testment.  Bhala fatt, is-superstiti Doris Caruana, ma ghamlet ebda testment iehor wara l-mewt ta' zewgha, tant li l-wirt taghha baqa' regolat bit-testment **unica charta** li kienet ghamlet ma' zewgha.  Id-dekadenza mill-beneficcji imhollija f'testment **unica charta** tista' tirrizulta, pero`, mhux biss billi parti jew ohra taghmel testment kontradittorju ghal dak **unica charta**, imma anke jekk parti, b'agir taghha **inter vivos**, iggib fix-xejn il-provvedimenti tat-testment.  Il-konvenuti qed jallegaw li meta Doris Caruana, wara mewt zewgha, ittrasferiet madwar Lm13,000 ghal gol-kont kurrenti, hi ddekadiet mill-beneficcji mhollija lilha fit-testment **unica charta**.

Din il-Qorti tosserva li din il-kwistjoni ma tidhirx li tifforma parti mill-meritu tal-kawza kif impostata mill-atturi, pero`, f'kull kaz ma taqbilx ma' dan l-argument ta' l-appellanti.  L-ewwel nett, is-superstiti kienet uzufruttwarja tad-depoziti bankarji kollha (eccetto l-flus depozitati fil-kontijiet

kurrenti) u setghet tinvesti dawn il-flus, anke billi ma thallihomx depozitati kif u fejn kienu, b'mod li jidhrilha l-ahjar fl-interess taghha (ara **Gauci v. Gauci**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Mejju, 1985, u Ricci, Ibid, Vol. II para. 137).

Fit-tieni lok, id-dekadenza tirrizulta meta l-agir ta' parti tolqot "*una parte considerevole*" tal-patrimonju tat-testatur l-iehor (Kollez. Vol. XXVII. 1.147); f'dan il-kaz, ma giex muri li bic-caqliq ta' flus li ghamlet Doris Caruana, gie effettwat parti konsiderovoli mill-patrimonju ta' zewgha, il-Kurunell Joseph Cremona.

Oltre dan kif inhu redatt il-legat, jista' jinghad li l-legat kien wiehed *de residuo*, u dana peress li t-terzi jibbenefikaw mil-legat "wara l-mewt taghhom it-tnejn", b'dan li allura s-superstiti ma kienetx limitata fl-uzu li setghet taghmel bil-flus, ghax il-legat kien biss ghal dak "li jibqa'". Din il-Qorti ma tarax li, fil-fattizzi partikolari tal-kaz, kien il-hsieb tat-testaturi li min jibqa' haj l-ahhar ma setax jiddisponi mill-flus kif irid u skond il-bzonnijiet tieghu. Dan mhux kaz ta' legat li, ghal sehem il-predefunt, kien jiddevolvi favur il-legatarji mill-ewwel wara l-mewt tieghu, izda legat li jitqassam <u>wara l-mewt tat-tnejn</u>. Kien ghar-residwu li t-testaturi pprovdew favur terzi f'dan il-legat, u darba hu hekk is-superstiti ikollha l-fakolta` illimitata li tiddisponi b'att '*inter vivos*' mill-istess flus. (ara **Bianco v. Grixti**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju, 1935; Kollez. Vol. XXIX. 11.565). Il-fatt li, mill-provi jidher li s-superstiti ghamlet dak li ghamlet ghax kienet preokkupata bil-qaghda finanzjarja taghha, ghax tajjeb jew hazin, hassitha xotta mil-flus, ikompli jikkonferma, fil-fehma tal-Qorti, il-volonta` tat-testaturi li ma jorbtux idejn xulxin ghall-uzu li setghu jaghmlu mill-flus *vita durante*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-prim istanza jibqghu kif decizi, fil-waqt li dawk relatati mat-tieni istanza jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------